MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 501/2014

**Nestle Malta Limited (C33045)**

**vs**

**Joseph Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Nestle Malta Limited li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà esponenti bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-intimat.

Dan id-debitu ilu dovut, u ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, l-intimat baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Dan id-debitu tal-intimati fil-konfront tar-rikorrenti, huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-fehma taghha l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti.

Huwa jaf b'dawn il-fatti personalment u jinsab awtorizzat jaghmel din id-dikjarazzjoni.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti fis-somma ta’ disgha u ghoxrin elf hames mija u hamsa u hamsin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€29,555.92).

2. Tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma disgha u ghoxrin elf hames mija u hamsa u hamsin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€29,555.92).

3. Tiddeciedi dan ir-rikors bid-dispensa tat-trattazzjoni a bazi tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-interessi legali mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjes, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbidipprezentati kontestwalment ma dan ir-rikors kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat Joseph Vella ma deherx biex jikkontesta l-kawza.

Rat li l-kawza giet proposta ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-tielet talba ta’ Nestle Malta Limited, tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Joseph Vella ihallas lil Nestle Malta Limited is-somma ta’ €29,555.92 bl-interessi u spejjez kif mitluba.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Vella.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------